— tikkundana lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

Il-motivi invokati huma simili għal dawk sostnuti fil-Kawża T-15/12, Provincie Groningen et vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2012 — Fabryka Łożysk Tocznych-Kraśnik vs UASI — Impexmetal (KFŁT KRAŚNIK)**

**(Kawża T-19/12)**

(2012/C 109/36)

*Lingwa tar-rikors: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fabryka Łożysk Tocznych-Kraśnik (Kraśnik, il-Polonja) (rappreżentant: J. Sieklucki, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Impexmetal S.A. (Varsavja, il-Polonja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Ottubru 2011 (Każ Nru R 2475/2010-1) li ċaħdet ir-reġistrazzjoni ta' KFŁT KRAŚNIK bħala trade mark Komunitarja għall-oġġetti fil-Klassi 7: makkinarju u makkinarju li jagħmel l-għodda; magni b'tagħmir li jdur u partijiet minnhom (*ball-bearings, rollers*); magni estiżi b'tagħmir li jdur u magni b'gejġijiet kbar;

— tikkundanna lill-konvenut u lil IMPEXMETAL S.A. għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell u d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni).

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark viżiva li fiha l-element verbali "KFŁT KRAŚNIK" għall-oġġetti fil-Klassi 7: makkinarju u makkinarju li jagħmel l-għodda; magni b'tagħmir li jdur u partijiet minnhom (ball-bearings, rollers); magni estiżi b'tagħmir li jdur u magni b'gejġijiet kbar.

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell.

*Trade mark jew sinjal invokat:* Trade marks Komunitarji Nru CTM-3415437 u CTM-3415379, għall-oġġetti fil-Klassi 7, u t-trade marks nazzjonali (Pollakki) Nru PL-45550, PL-45826 u PL-112347, għall-oġġetti fil-Klassi 7.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, [1] sa fejn ġie deċiż li t-trade marks huma simili u li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, u ksur tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2012 — Région Poitou-Charentes vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-31/12)**

(2012/C 109/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Région Poitou-Charentes (Poitiers, Franza) (rappreżentant: J. Capiaux, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Novembru 2011, li tirrifjuta l-waqfien tal-programm ta' inizjattiva Komunitarja INTERREG III B "Żona tal-Atlantiku" 2000/2006 (referenza CCI Nru 2001 RG 16 0 PC 006).

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni sa fejn il-persuna firmatarja tal-att ma hijiex intitolata li tibbenefika minn delega tas-setgħa ta' firma.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali, meta l-Kummissjoni ma osservatx it-termini imperattivi imposti mill-Artikolu 37(1) tar-Regolament Nru°1260/1999 [1] sabiex tindika b'mod motivat ir-raġunijiet li għalihom hija tikkunsidra r-rapport finali tar-rikorrent insuffiċjenti.